MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 447/2006

**I T & T Limited (C 26874)**

**Vs**

**Growth Enterprises Ltd**
**(C 17344)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta` Mejju, 2006, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba` mija u tmienja u erbghin lira u erbghin centezmu (Lm448.40c), rapprezentanti bilanc ta` prezz ghal servizzi rezi li jinkludu servizz ta` ISP, prodotti relatati ma` l-istess servizzi u on-site visits kif rikjest mis-socjeta` konvenuta u kif jidhru fuq il-fatturi numri 4433, 4850, 4854, 5075 u 5186 li jkopru l-perjodu bejn is-16 ta` Awissu, 2005 u t-12 ta` Dicembru, 2005.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 21 ta` Frar, 2006 u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta` konvenuta datata 16 ta` Gunju, 2006 fejn ikkontestat it-talba attrici in vista tal-fatt li ma gewx esegwiti skond kif titlob is-sengha u l-arti jew ma kienux tal-kwalita` misthoqqa per konsegwenza ta` liema gew kawzati danni lill-istess socjeta` konvenuta peress li ma setghetx taccedi ghas-sit taghha fuq l-internet waqt Fiera li attendiet barra minn Malta.

Illi difatti fl-istess risposta taghha s-socjeta` konvenuta resqet kontro talba fejn talbet sabiex is-socjeta` attrici tigi kkundannata thallasha somma *da liquidarsi* li ma teccedix l-ammont ta` elf u hames mitt lira (Lm1,500), proprju ghall-allegat telf li ghamlet fl-istess fiera kagun tan-nuqqas ta` access ghas-sit ta` l-internet taghhom u ghalhekk qed jitolbu ghar-refuzjoni ta` l-ispejjez inkorsi inutilment fl-istess fiera.

Ra r-risposta tas-socjeta` attrici ghal kontro talba tal-konvenuti fejn irrispingiet l-istess kontro talba ghar-raguni li fl-ewwel lok ma hiex il-legittimu kontradittur u kwindi ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju; fit-tieni lok ma hiex responsabbli ghall-ebda danni u jekk talvolta jirrizulta xi danni subiti dawn kienu kawzati minn terzi jew autoinflitti u ghalhekk is-socjeta` attrici ma tistax tigi mizmuma responsabbli ghal danni kawzati minn azzjoni ta` l-istess socjeta` konvenuta.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi fil-kaz in ezami, s-socjeta` attrici tramite x-xhieda tad-direttur taghha, Reuben Galea tafferma illi hija qieghdha tfittex ghal dak dovut lilha in konnessjoni ma` servizz ta` internet li hija kienet tipprovdi lis-socjeta` konvenuta. Spjega li s-socjeta` attrici dejjem kienet thallas b'mod tardiv wara hafna interpellanzi u spiccat biex baqghet ma halsitx l-ahhar kont li telghet sa Dicembru, 2005. Meta s-socjeta` attrici kienet giet infurmata b'xi problema teknika li l-konvenuti kienu qed jiffaccjaw fl-ufficcju taghhom hawn Malta, waqt fiera li kienu attendew barra minn Malta, is-socjeta` attrici baghtet l-inginier taghha biex tirrisolvi din il-problema, liema inginier sab illi n-nuqqas kien gej mis-*service provider* li kien qed joffri s-servizzi ta` l-internet gewwa l-fiera ta` l-Ingilterra. Dan ix-xhud isostni li s-socjeta` attrici hija responsabbli biss sas-servizz li jwassal sal-modem li jkun ikkomunikat mal-hard disk tal-klijent u kwindi ma jkollu x'jaqsam xejn mas-set up ta` l-istess computer cioe` n-network tieghu u s-software relattiv. Fil-fatt dan ix-xhud kompla jallega li s-Sur Silvan Said tas-socjeta` konvenuta kien semmielu li l-problema li rriskontra hu kienet ukoll affettwat l-ezebituri kollha tal-fiera u mhux lilu biss.

Christopher Debono, xhud prodott mis-socjeta` attrici, jispjega li huwa jahdem ghal rasu bhala engineer fl-IT. Darba minnhom huwa kien tqabbad sabiex mis-socjeta` attrici halli jivverifika l-problema li kienet qed taffaccja s-socjeta` konvenuta fis-sistema taghha. Huwa jghid li ghall-ewwel l-ilment kien dwar l-ispeed baxx tas-sistema pero` wara li ghamel xi provi u testing irrizulta li l-ispeed kien ghaddej tajjeb. Sabiex ikun cert pero` xorta wahda biddel il-modem li kien hemm ghand is-socjeta` konvenuta. Peress illi s-Sur Said baqa` jilmenta minn barra minn Malta dwar l-ispeed baxx, dan ix-xhud mar ghand tal-Maltacom biex jivverifika l-connection minn hemm fejn gie nfurmat li kollox kien jidher sew. Spjega li d-datastream hija l-istess kumpanija li tikkonnektja bejn is-socjeta` attrici u l-klijenti taghha fosthom is-socjeta` konvenuta. Ciononostante s-socjeta` konvenuta xorta wahda baqghet tilmenta dwar l-ispeed baxx. Meta s-Sur Said gie lura minn barra, dan ix-xhud rega` ltaqa` mieghu u ppruvaw is-sistema b'mezz iehor ta` testing jismu Ping Plotter mnejn

irrizulta skond dan ix-xhud li l-problema kienet provenjenti mill-Ingilterra. Din l-ispjegazzjoni setghet tigi kkonstatata u kkonfermata minn screen shot li huwa ha u li tinsab ezebita bhala Dok. CD1. Skond dan ix-xhud, is-Sur Said deher soddisfatt minn din l-ispjegazzjoni.

Is-Sur Said spjega li l-fiera gewwa l-Ingilterra kienet swietlu madwar sitt elef lira sterlina. Spjega wkoll dwar iz-zewg tipi ta` IP connections li kellu mas-socjeta` attrici wahda normali u ohra aktar sofistikata. Il-problema li affaccja waqt il-fiera kienet li l-pages ma bdewx jitilghu u kienu jissenjalawlu dak li jissejjah timeout u dana kull darba li ppruvaw jaqbdu bis-server taghhom fuq l-internet connection provduta mis-socjeta` attrici. Huwa jispjega dan l-akkadut anke tramite xi screen shots li gew ezebiti u mmarkati Dok. GE 2 u GE 3. Kull darba li ppruvaw jaccedu ghall-internet kienet titlalu fuq l-iscreen il-messagg *“the page cannot be displayed”*. Huwa jsostni li ma kienx hemm problema bejn is-server tal-konvenut u dak ta` l-attur u l-problema kienet qed tigi riskontrata fir-*response* bejn is-server ta` l-attur ghal dak tal-konvenut. Meta gie lura Malta gie t-technician Christopher Debono ghandu sabiex jivverifika s-sors tal-problema u kien biss wara li saret konfigurazzjoni tas-sistema kollha li kollox gie jahdem tajjeb. Kien ghal din ir-raguni li huwa ddecieda li jwaqqaf il-pagamenti partikolarment ghal dik l-invoice li tikkoncerna l-ispiza ta` dan it-technician. Meta s-socjeta` attrici baqghet tinnega kull responsabbilita` ghal din il-problema riskontrata u ma riedet toffri ebda forma ta` kumpens, il-konvenut waqaf jahdem maghhom.

In kontro ezami is-Sur Said jaccetta li s-servizz provdut mis-socjeta` attrici kien dak li jwassal is-sistema sal-computer tal-konvenut li jkun imqabbad ma` l-internet u kwindi mhux oltre u allura minn dan il-punt ta` l-hekk imsejjah fire-wall il-gewwa jaqa` taht ir-responsabbilita ta` l-istess socjeta` konvenuta u dana fl-aspetti kollha li huwa jsemmi. Is-Sur Said jasal ukoll biex ighid li huwa jaqbel kwazi kompletament ma` dak li qal it-technician bl-isem ta` Christopher li kien intbaghat l-ufficcju tieghu mill-attur. Ghalkemm dan ix-xhud ighid li s-sistema giet tahdem tajjeb biss wara li saret rikonfigurazzjoni tal-computer

taghhom u wara li nbidel l-ISP address, dawn iz-zewg fatturi pero` ma gewx imsemmija mill-istess techinician, Chris Debono u anqas ma gie riskontrat b'tali affermazzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta.

Illi jigi notat mill-ezami ta` l-emails skambjati li ebda naha ma bdiet taccetta xi responsabbilita` da parti taghha u ftit li xejn kwindi jistghu jitfghu dawl fuq is-sors vera tal-problema riskontrata.

Illi mill-provi mressqa miz-zewg nahat ghandu jirrizulta li l-partijiet qed jistriehu fuq ir-rizultanzi li wasal ghalihom it-technician Christopher Debono u dana peress li t-tnejn li huma urew certa fiducja fih, anzi s-Sur Said ghas-socjeta` konvenuta stess jafferma li huwa jaqbel ma` dak kollu li jsemmi dan it-technician fix-xhieda tieghu. Dan it-techinician jikkonferma b'mod car u inekwivokabbli li l-problema riskontrata mis-socjeta` konvenuta barra minn Malta kienet provenjenti mill-Ingilterra u mhux minn xi nuqqasijiet da parti tas-socjeta` attrici. Illi dwar din il-konkluzzjoni li wasal ghaliha dan ix-xhud, it-Tribunal ma jsib ebda raguni il-ghala ma ghandux jistrieh fuq tali affermazzjoni anke in vista ta` nuqqas ta` prova kuntrarja dwar l-istess.

Illi in vista tal-premess ghalhekk, is-socjeta` konvenuta ma kinietx iggustifikata li tonqos li thallas lis-socjeta` attrici ghas-servizzi lilha rezi filwaqt li din ta` l-ahhar ma ghandhiex tigi tenuta responsabbli ghal problema li nqalghet barra minn Malta u kwindi ghad-danni pretizi mis-socjeta` konvenuta.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet u kontro talba sollevati mis-socjeta` konvenuta kwindi jilqa` l-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici fil-konfront ta` l-istess kontro talba u jilqa` wkoll it-talba tas-socjeta` attrici ghal hlas ta` l-ammont lilha dovut mis-socjeta` konvenuta u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` €1,044.49c (Euros) gia` Lm448.40c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data

tal-prezentata ta` dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu tas-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------